# Il-Kappellun tal-Kurċifiss fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu il-Belt Valletta

**Victoria Agius**

*B.A. (Hons.), M.A.*

Wieħed mill-aktar kwadri importanti li hawn fil-knejjes ta' Malta u ta' Għawdex, ta' nofs is-seklu sbatax huwa l-kwadru tal-Kurċifiss meqjum fil-kappellun iddedikata lil-Sant'Agnese fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta.

Taħt is-salib, tidher ukoll il-figura tal-verġni u martri Sant'Agnese u dik tal-qaddis u isqof Karmelitan Sant'Andrija Corsini li għex fis-seklu erbatax, mis-sena 1302 sal-1373. Dan il-kwadru meraviljuż, li wisq probabilment ġie importat minn barra, huwa wieħed ambizzjuż ferm u għalhekk ta' kwalità għolja. Id-daqs tal-kwadru huwa ta' kobor konsiderevoli b'qisien ta' 422 x 237cm u ġie mpitter biż-żejt fuq it-tila.



Il-kwadru tal-Kurċifiss, xogħol mill-isbaħ tas-Seklu Sbatax.

Għall-bosta snin twal, din il-pittura daqstant impressjonanti, sew fid-disinn kif ukoll fit-teknika, kienet maħsuba li hija xogħol ta' l-artist ċelebri Guido Reni (1575-1642). Guido Reni kien pittur Taljan minn Bologna meqjus bħala wieħed mill-ġganti fil-qasam tal-arti u esponent tal-idealiżmu u klassiċiżmu tal-Barokk taljan tas-seklu sbatax. Ta' min issemmi wkoll li Reni kien studja u pprattika fl-akkademja rinomata *Degli Incamminati,* ta' Carracci f'Bologna.

Matul is-snin, din l-attribuzzjoni għal Guido Reni ma kinitx konvinċenti biżżejjed u kemxejn dubjuża. B'hekk inħolqu diversi mistoqsijiet. Kien tqanqal il-ħtieġa li jsiru xi investigazzjonijiet dwar numru ta' inċertezzi fuq l-identità tal-artist kif ukoll fuq dik tal-paternità tal-patrun jew tal-patruna sabiex l-attribuzzjoni tagħhom tiġi vverifikata. Illum il-ġurnata din l-attribuzzjoni kemmxejn dubjuża qed tiġi kkontestata peress li x-xogħol għalkemm hu ta' mertu, xorta waħda ma' jilħaqx il-livell għoli ta' Reni. Għalhekk biex inkunu aktar ċerti fuq l-attribuzzjoni tagħna, għalissa qed ngħidu li din il-pittura wisq probabli kienet impittra minn artist taljan ta' talent konsiderevoli ta' nofs is-seklu sbatax.

L-ewwel impressjoni li wieħed jieħu meta jara din il-pittura impressjonanti ta' Kristu Msallab, hija li l-kompożizzjoni maħsuba mhix simetrika bħalma huma l-aktar magħrufa fix-xogħlijiet reliġjużi ta' Guido Reni. Ta' min isemmi każ klassiku ta' simetrija eċċezzjonali, il-pittura tar-rappreżentazzjoni ta' Kristu Msallab li Reni kien pitter fis-sena 1619 speċifikament għall-knisja tal-Kappuċċini. Illum din il-pittura ta'

fama internazzjonali qiegħda fil-Pinacoteca Nazionale f'Bologna. Fil-pittura ta' Malta, is-salib mhuwiex ċentrali, iżda mġenneb mannaħa tal-lemin. B'hekk l-figura korporali u idealizzata ta' Kristu tieħu xeħta djagonali billi tisporġi mill-pittura b'mod li l-għajn tmur direttament fuq ir-rappreżentazzjoni eleganti tiegħu. B'hekk il-pittura tqanqal devozzjoni billi wieħed ikun jista' jimmedita fuq id-divinità u l-umanità ta' Kristu.




Il-Pittura tal-Kurċifissjoni ta' Guido Reni, li saret fis-sena 1619 għall-Kappuċċini. Għall-kuntrajru ta' dik li nsibu fis-Santwarju tal-Karmnu, il-Belt, din il-pittura hija għalkollox simetrika.

Ġeneralment, taħt is-salib ta' Kristu, l-ikonografija l-aktar magħrufa hija dik tal-Madonna mbikkma jew tal-Madalena. F'dan il-każ, l-artist, wisq probabli għal raġunijiet ta' paternità, jinkorpora l-figura monumentali tal-verġni martri Sant'Agnese li qiegħda rrappreżentata żżomm palma f'id waħda bħala simbolu tal-martirju tagħha u ktieb miftuħ fl-oħra. Ħdejha hemm rappreżentazzjoni ta' ħaruf ċkejken li bit-taljan ifisser *agnus* is-simbolu li jikkaratterizza l-isem imqaddes ta' Sant'Agnese. Ir-rappreżentazzjoni ta' dan il-ħaruf bilkemm tidher fil-kompożizzjoni għal raġuni li fil-preżent din il-pittura ta' tant mertu, teħtieġ xi tindif taż-żebgħa u restawr tat-tila mill-aktar fis possibbli biex tiġi konservata.

Fil-pubblikazzjoni tal-istoriku magħruf Achille Ferres, intitolat: *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo* li ħareġ fis-sena 1866, naqraw xi tagħrif li kien kiseb dan l-istoriku fuq din il-pittura msemmija. Il-kitba ta' Ferres hija bit-Taljan u taqra hekk: *"Il quadro, nel cappelone a destra che rappresenta la Crocifissione di Nostro Signore e Santa Agnese, è sul fare di Guido Reni."* Dan ifisser li l-artist anonimu kien qed jaħdem fuq stil jew li setà kellu konnessjonijiet stilistiċi intimi ma' Guido Reni.

Ta' min jgħid li fil-kamp tal-arti reliġjuża, it-tema sagra tal-qaddis u isqof ta' Fiesole Sant'Andrija Corsini ma kinetx daqstant popolari u saħansitra ftit jew xejn kienet tiġi rrappreżentata fil-pittura sagra. Fil-pittura msemmija f'Malta, ir-raġuni tar-rappreżentazzjoni tal-isqof qaddis hija wisq probabbli minħabba r-rabta tiegħu mal-Ordni Karmelitan.

Nafu żgur li fl-Italja, żewġ xogħlijiet ta' fama internazzjonali li jirrappreżentaw li Sant'Andrija Corsini ġew impittra minn Reni. F'wieħed mill-pitturi li qiegħed f'Palazzo Corsini



Dettall mill-pittura fejn jidhru x-xbihat ta' Sant'Andrija Corsini u Sant'Agnese.



Żewġ anġli bis-simboli tal-qaddis Sant'Andrija Corsini xogħol ta' Guido Reni, simili ħafna għall-dawk li nsibu fil-pittura li qiegħda fis-Santwarju.



Pittura li tirrapreżenta lil Sant'Andrija Corsini xogħol Guido Reni. Din tinsab fil-Pinacoteca Nazionale f'Bologna.

f'Firenze ta' *ċirca* 1628-1630, l-Isqof qaddis huwa rrappreżentat qed jiġi megħjun minn żewġ anġli bħalma hemm fil-kompożizzjoni fil-pittura ta' Malta. It-tieni pittura ta' Reni ta' Sant' Andrija Corsini tinsab fil-Pinacoteca Nazionale f'Bologna hu xogħol aktar tardiv.

Wieħed jista' jgħid li l-artist tal-pittura ta' Kristu Msallab f'Malta kien probabilment familjari max-xogħlijiet ta' Guido Reni minn xi stampi jew inċiżjonijiet. Ta' min iżid li f'Malta matul is-seklu sittax u sbatax kien hawn fl-idejn numru fenomenali ta' stampi kif ukoll ta' inċiżjonijiet ta' bosta artisti ta' fama internazzjonali.

Nafu żgur b'artist ieħor li pitter l-ikonografija tal-figura monumentali ta' Sant'Andrija Corsini minn ċiklu ta' diversi pitturi li sfortunatament ġie mitluf iżda dokumentat fl-arkivji ta' Ruma fis-sena 1617 bħala: *Undici S Andrea, et una Madonna con coro d'angeli.* Mid-dokumenti jingħad li dan iċ-ċiklu kien enormi b'qisin ta' 343 x 251cm u kien inħadem speċifikament għall-Ordni tal-Karmelitani Skalzi tal-knisja ddedikata lil Santa Maria della Scala f'Ruma. L-artist imsemmi ta' dan ix-xogħol monumentali kien in-naplitan ta' talent eċċezzjonali u ta' fama internazzjonali, Massimo Stanzione (1585 - 1656) ta' nofs is-seklu sbatax.

Massimo Stanzione kien influenzat ferm minn Guido Reni. Tant u veru li kellu l-laqam tiegħu bħala: *Il Guido Reni Napolitano*. F'Malta kburin li għandna żewġ xogħlijiet iffirmati minn dan l-artist ta' dan il-livell għoli u għalhekk huma ferm importanti. Dawn ix-xogħlijiet li probabilment inħaddmu bejn is-sena (1640 u 1645), jinsabu fis-sagristija tal-knisja parrokkjali tal-Mosta. Waħda tirrappreżenta lill-verġni u martri Sant'Agata u l-oħra lill-verġni u martri Santa Cecilia. Iżda mill-istil kif ukoll mid-disinn u l-kulur, nistgħu ngħidu li x-xogħol ta' Stanzione ma jixbahx dak tal-artist anonimu tal-pittura f'Malta.

Matul ir-riċerka nstab testment fl-arkivji notarjali l-Belt Valletta, li ħareġ in-nutar Aloisio Apap (1651 - 1654) fid-9 ta' Awwissu 1654. Dan it-testment juri li numru ta' legati ġew mogħtija lill-kappella ta' Sant'Agnese minn ċertu Signora Agnese Burges. Fost il-legati msemmija fit-testment, il-pittura però ma tissemmix. Ta' min jgħid ukoll li l-pittura lanqas ma tissemma meta kienu saru xi

 

Il-Kurċifiss li qabel kien fuq l-artal tas-Sagrament minflok il-pittura li hemm illum.

tibdiliet fit-testment jumejn wara, jiġifieri fil-11 ta' Awwissu, 1654 u li ġew miżjuda fil-*codicillo* mehmuża mill-istess nutar. Din ma teskludix il-possibilità li dan il-kappellun allura x'aktarx ġie ngħatat minn Agnese Burges magħtul ħajjitha iżda dan sempliċement spekulazzjoni għax ma hemmx iddokumentat fl-arkivji.

L-arkivji però jipprovdu evidenza li l-pittura ta' Kristu Msallab f'Malta ġiet mill-knisja l-qadima ddisinjata mill-arkitett prolifiku Malti Gerolamo Cassar (d.1586/92?) li ddisinja l-bini tal-knisja l-antika fis-seklu sittax u li kienet diġà ddedikata lil *Sanctae Mariae de Carmelo Civitatis Vallettae*. Wara t-tieni gwerra dinija, inbena s-Santwarju li nsibu hemm illum u li huwa ddedikat lill-Madonna tal-Karmnu kif kien xieraq.

Min dak iż-żmien 'l hawn, id-devozzjoni ta' diversi kappelli li jiċċirkondaw is-Santwarju meraviljuż tal-Karmnu fil-Belt Valletta nbiddlu konsiderevolment u b'hekk l-istorja tagħhom kienet saret ferm diffiċli għall-bosta storiċi u studjużi. L-altar tal-kappella ta' Sant'Agnese huwa tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu. Din il-kappella msemmija li tinsab fuq in-naħa tax-xellug minn fuq it-tribuna, kienet għal bosta snin twal ddedikata lill-Kurċifiss. Dan jiġifieri qabel ma ngħatat id-dedikazzjoni lil Sant'Agnese. Id-dedikazzjoni lejn il-kurċifiss kien minkejja l-fatt li qabel din il-pittura ta' Kristu Msallab, nafu li kien hemm Kurċifiss kbir li llum jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-knisja. Dan il-kurċifiss huwa meqjus bħala xogħol ta' kwalità għolja u għalhekk ferm importanti fl-istorja tal-arti sagra f'Malta. Huwa ta' kobor mdaqqas u ġie skolpit fl-injam. Il-Kurċifiss huwa probabilment xogħol ta' skultur Sqalli li kien qed jaħdem fuq stil Spanjol fis-seklu sbatax.

Fjur tal-Karmelu,
Dielja bil-frott mogħnija;
Dija tas-sema,
Xebba li waħdanija,
B'ġieħ Omm tiftaħar.

Omm l-aktar ħelwa,
Li ġmielek qatt ma ttabba',
Lill-Karmelitani
Ħniena uri u mħabba,
kewkba tal-Baħar.